Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru. 953/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**KONTRA**

**GEOFFREY SPITERI ta' 34 sena, iben Emanuel u Salvina nee' Abela, imwieled il-Mosta nhar l-04.04.1976, residenti fil-fond numru 5, Triq il-Hawwiefa, Had-Dingli, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 221176M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **GEOFFREY SPITERI** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta' Frar u Marzu 2009, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi

mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe' certifikat tal-VRT falz;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz, cioe' certifikat tal-VRT falz;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcji ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe' certifikat tal-VRT falz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb fuq l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 42(a), (d), 185(2), 186 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, wara li nghata d-debita zmien biex jahseb fuq l-istess, issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, wara li rat l-Artikoli 42, 185, 186, u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat il-fedina penali netta tieghu;
Rat ukoll il-verbal maghmul illum mill-Avukat Difensur;
Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat ukoll illi llum il-posizzjoni tal-vettura hija regolarizzata.

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **GEOFFREY SPITERI** hati, u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena(1) u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------